MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 917/2009

Malta Shipyards Limited f'isimha u ghan-nom ta' Manoel Island Yacht Yard u b'ordni tal-Qorti tat-22 ta' Novembru, 2010 il-kawza ser titkompla minn John Busuttil *stante* li s-socjeta` rikorrenti hija fi stadju ta' stralc
vs
M.Y. NAUTONNIER

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' tmintax-il elf tliet mija u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€18,340.79) u b'nota tat-23 ta' Mejju, 2012 l-ammont gie ridott ghal tmintax-il elf tlett mija u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€18,340.79) bilanc tal-prezz, inkluz VAT, ta' xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija

lill-istess bastiment M.Y. Nautonnier fuq inkarigu tar-rapprezentanti tieghu, kif jidhru dettaljati fl-*invoice* datata 5 ta’ Ottubru, 2006, u s-*sales statement* datat 16 ta’ April 2007, annessi mar-rikors u immarkati Dokumenti A u B rispettivament;

2. Illi minkejja li l-fattura msemmija ntbaghtet lir-rapprezentanti tal-bastiment, u *inoltre* s-socjeta` rikorrenti interpellat diversi drabi lill-istess bastiment sabiex ihallas il-bilanc hekk dovut, huwa baqa’ inadempjenti;

3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-bastiment konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-ammont imsemmi.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

ii. konsegwentement tordna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tmintax-il elf tlett mija u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€18,340.79) u b’nota tat-23 ta’ Mejju, 2012 l-ammont gie ridott ghal tmintax-il elf tlett mija u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€18,340.79) bilanc tal-prezz ta’ xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija lilu kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ arrest ta’ bcejjec tal-bahar numru 1494/09 u tal-mandat ta’ qbid prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skond l-artikoli 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-direttiva 2000/35EC, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-bastiment konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat ir-rikors ta’ Robert Patterson bhala *resident agent* ta’ sidien registrati tal-bastiment M.Y. Nauttonier a fol 26 tal-process prezentat fil-15 ta’ Ottubru, 2009 fejn wara li semma l-eccezzjonijiet a bazi tal-Kap 12 artikolu 170 talab li l-Qorti tawtorizzah jopponi t-talba u jinghata lilu permess jopponi l-azzjoni u li jipprezenta eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin jum mid-data ta’ l-ordni a tenur ta’ l-artikolu 170 tal-Kap 12.

Rat id-digriet tal-11 ta’ Novembru, 2009 li permezz tieghu l-bastiment intimat gie awtorizzat jipprezenta risposta guramentata.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta’ Robert Patterson, bhala *resident agent* ta’ sidien registrati tal-bastiment M.Y. Nautonnier, li biha espona:

1) Illi preliminarjament r-rikors guramentat huwa null *stante* li s-socjeta` attrici ma gabitx prova li Ivan Borg ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` attrici *stante* li skond l-*Articles* u *Association* u l-*Memorandum* tas-socjeta` *Malta Shipyards Limited* jghidu li tali rapprezentanza hija vestita fic-*Chairman* sakemm il-Bord tad-Diretturi ma jiddecidix mod iehor. Illi effettivament Ivan Borg fis-27 ta’ Frar, 2008 irrizenja minn segretarju tal-kumpanija (Dokument A – 1-*Articles* u l-*Memorandum* tas-socjeta` attrici li jinsabu diga` esebiti.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Li l-azzjoni istitwita mis-socjeta` attrici cioe` dik *in rem* ma tistax treggi billi hafna mill-krediti allegatament dovuti ma jaghtux loka ghall-azzjoni *de quo* izda biss ghal dik *in personam* u dan kif sejjer jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

b) Bla pregudizzju ghall-premess, li l-ammont huwa preskritt *ai termini* ta’ l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili;

c) Bla pregudizzju ghall-premess, li l-ammont mhuwiex dovut ghaliex li gara kien li x-xoghol sar mis-socjeta` attrici fuq il-*yacht* in kwistjoni ma kienx skond l-arti u s-sengha u s-socjeta` attrici kienet qablet li tpacija in kumpens ta’ dan u dan kif jigi pruvat waqt din il-kawza.

3) Salv risposti ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Din id-decizjoni hija dwar l-eccezzjoni preliminari a fol 51 dwar rapprezentanza guridika ta’ Ivan Borg.

Fis-seduta ta’ l-20 ta’ April, 2010 gew prezentati diversi dokumenti fosthom MSL1 li hija r-rizoluzzjoni tad-diretturi tal-Malta Shipyards Ltd ta’ l-24 ta’ Frar, 2006 fejn jinghad:
“*To whom it may concern,*

*Resolution taken at a board of directors’ meeting of Malta* Shipyards Ltd. held on Friday 24th February 2006 at The Docks, Cospicua.

The directors of Malta Shipyards Ltd approved that the following persons, separately and not jointly, shall henceforth hold the legal and judicial representation of the company:

John Cassar White, Chairman
Chris Bell, Chief Executive Officer

Anthony Restall, Human Recources Executive
Ivan Borg, Finance Executive and Company Secretary

The following persons, separately and not jointly, are to hold legal representation of the company on commercial *contracts only, as specified below:*

*Up to a monetary value of Lm100,000 - Victor White, General Manager MIYY*

*Up to a monetary value of Lm500,000 - Graham Couser, Marketing Executive*
*- John Cox, Project Manager Offshore & Training*
*- Joseph Meli, Commercial Manager*

*Above a monetary value of Lm500,000 - Chris Bell, CEO*

*For and on behalf of the board of directors.*

*Ivan Borg,*
*Finance Executive & Company Secretary*
*Malta Shipyards Ltd.*

*24.02.06"*

---

***"Malta Shipyards***

*Legal and Judicial Representation*

*The Board is requested to approve the following delegated authority for representation of the shipyards in Legal or Judicial agreements:*

***Judicial Representation****: J. Cassar White, Chris Bell, Anthony Restall and Ivan Borg.*

***Legal Representation****: J. Cassar White, C. Bell, Anthony Restall, Ivan Borg.*

***Legal Representation (Commercial)****:*

- *Up to maximum exposure of Lm 100,000: Victor White, Joe Degabriele, Lawrence Gialanze.*
- *Up to Lm 500,000: Joe Meli, Graham Couser, John Cox.*
- *Over Lm 500,000: C. Bell*

***<u>Legal Representation (Procurement)</u>:***

*As per procurement Rules.*

*J. Cassar White*
*Chairman."*

Xehed <u>Ivan Borg</u> u semma:
"F'tal-Malta Shipyards jiena ghandi l-kariga ta' *finance executive* u kont ukoll *company secretary* fiha. *Finance executive* ghadni sal-lum, pero` *Company's Secretary* spiccajt f'xi Frar tat-*two thousand and eight* (2008). Il-kumpanija iddecidiet li tiddelega l-*Legal and Judicial representation* lil numru ta' ufficjali tal-kumpanija u fil-Bord ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar *two thousand and six* (2006), fost nies ohrajn, appuntat lili bhala, speci delegat lil *Legal and Judicial representation* u kien hemm numru ta' *executives* ohra u *managers* ohra li, ovvjament, kellhom responsabiltajiet skond il-kariga taghhom. Nikkonferma l-kopja ta' dak il-Bord ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar, *two thousand and six* (2006). F'pagna tnejn (2), *Legal and Judicial representation* li hija proprju fuq dan l-aspett. Din hija kopja awtentika u hemm anke l-firma tieghi fuqha. Mistoqsi dwar meta waqfet topera l-kummerc il-Malta Shipyards u dahal il-likwidatur nirrispondi li kien fid-disgha (9) ta' Awissu, tat-*two thousand and ten* (2010). Id-decizjoni li jiena nkun il-*Legal representative* qatt ma giet revokata. B'dan li nirraprezenta l-kumpanija sal-gurnata ta' meta gie appuntat l-istracarju."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
***<u>Eccezzjoni dwar rapprezentanza legali ta' Ivan Borg:</u>***

Il-kawza odjerna giet intavolata fit-23 ta' Settembru, 2009. Mid-dokument a fol 29 tirrizulta Form K dwar tibdil ta' Diretturi li tghid li Ivan Borg irrizenja minn *Company Secretary* mis-27 ta' Frar, 2008. Irrizulta wkoll li s-socjeta` Malta Shipyards Limited giet stralcjata fis-26 ta' Lulju, 2010 (ara fol 97, dokument rilaxxjat mill-Malta Financial Services Authority). John Busuttil gie appuntat stralcjarju fit-18 ta' Awissu, 2010.

Fil-kors tal-kawza giet prezentata kopja ta' risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Malta Shipyards Limited datata 24 ta' Frar 2006 li permezz taghha l-kumpanija hatret lil Ivan Borg bhala rapprezentant legali u gudizzjarju taghha. Ivan Borg dak iz-zmien kien jokkupa l-karigi ta' *Finance Executive* u *Company Secretary* tal-Malta Shipyards Ltd. Mill-imsemmija rizoluzzjoni jirrizulta li Ivan Borg kellu l-*legal and judicial representation of the company*. Hu esebixxa kopja shiha tal-minuti ta' din il-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Shipyards Ltd li nzammet fl-24 ta' Frar 2006 (ara fol 111 sa 113) - fil-parti intestata '*Legal and Judicial Representation*', f'punt hdax (11). Dan kollu jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni ta' l-istess Ivan Borg.

Illi l-intimat jikkontendi li Ivan Borg ma kellux rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti *stante* li kif jidher minn fol 29, fejn hemm esebita l-Form K li ssottomettiet is-socjeta` rikorrenti, jirrizulta li Ivan Borg kien irrizenja minn *Company Secretary* mis-27 ta' Frar, 2008. Ghalhekk l-intimat jargumenta li r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Malta Shipyards Limited fil-persuna ta' Ivan Borg kienet b'xi mod marbuta mal-karigi tieghu bhala *Finance Executive* u segretarju ta' din il-kumpanija, u li meta spicca minn segretarju, awtomatikament ma baqax awtorizzat jirrapprezenta lill-kumpanija fil-Qorti. Izda prova ta' dan ma hemmx. Kif iddikjara Ivan Borg fix-xhieda tieghu, din il-hatra tieghu kienet ghal zmien indefinit, u qatt ma giet revokata.

L-intimat ma jhossux konvint minn dan u jista' jkun li din hija l-verita` izda b'ebda mod ma gie ippruvat li Ivan Borg ma kellux ir-rapprezentanza legali fil-mument li halef id-

dikjarazzjoni. Dan iwassal lill-Qorti tghid li hu kellu r-rapprezentanza legali fil-mument li ikkonferma d-dikjarazzjoni bil-gurament.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Robert Patterson, bhala *resident agent* ta' sidien registrati tal-bastiment M.Y. Nautonnier.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghall-11 ta' Gunju, 2012 fid-9.00 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------